MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru 1524/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**

**CHRISTOPHER ROBERT TALBOT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Robert Talbot ta’ 30 sena bin George Michael u Monica nee’ Montebello imwieled Germanja fl-14 ta’ Frar 1977 u joqghod ‘Carnation’ Triq F. Geneste B’Kara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 108001(L).

Billi gie akkuzat talli fit-12 ta’ Novembru 2007 fil-hanut bl-isem ‘*Compuware Ltd*’ sitwat fi Triq Vivion Santa Venera, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ numru ta’ DVDs u loghob tal-*Playstation 2*, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irripproduca jew ikkupja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini, ai termini ta’ l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. MC3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 298(1) u 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christopher Robert Talbot, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali minima tal-imputat tikkundanna lill-istess imputat Christopher Robert Talbot ghall-piena komplessiva ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti formalment bhala Dok. MC8 u ghal fini ta' tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara li r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza.

Tordna ukoll li l-Ufficjal Prosekutur ghandu fi zmien ghaxar (10) tijiem millum jghaddi lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) l-oggetti esebiti formalment bhala Dok. MC8 ghall-fini li ssir tali distruzzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------